**2 ta' Ottubru, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Alfred u Felicia konjuġi Caruana

*versus*

Paul u Mary Rose konjuġi Farrugia u Michael u Maria konjuġi Ghigo

**Serviġi - Preskrizzjoni - Interpretazzjoni Restrittiva ta' - Presunzjoni li Serviġi (Salva Intenzjoni Kjarament Kuntrarja) ġew Reżi bl-Aspettativa ta' Kumpens**

*Kawża fuq preskrizzjoni. Ġie affermat il-prinċipju akkwiżit illum mill-ġurisprudenza illi għandu jiġi applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu pprestati bl-isperanza ta' kumpens jekk ma jirriżultawx ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw il-gratuwita`.*

*Ġie ribadit ukoll illi t-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' ħames snin u għalhekk iċ-ċitazzjoni kienet saret fit-terminu. Sinifikattiva r-riflessjoni tal-Qorti li l-istitut tal-preskrizzjoni jmur kontra dak li huwa normalment aċċettabbli mil-lat morali.*

Il-Qorti:-

Din hija kawża fuq serviġi. L-atturi jsostnu li l-mejjet Carmelo Bugeja kien weghedhom kumpens, għal dak li kienu għamlu miegħu. Bugeja pero` biddel it-testment tiegħu, fejn ma ħalla xejn lill-atturi u invece ħalla lill-konvenuti bħala eredi universali tiegħu;

Huma għalhekk talbu lill-Qorti biex tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għal ħlas ta' serviġi skond likwidazzjoni magħmula mill-istess Qorti;

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti isostnu li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda għaliex kienu huma li daru bil-mejjet u mhux l-atturi;

B'digriet tas-26 ta' Ottubru, 1992 ġie nnominat bħala perit legali l-Avukat Dr. Joseph Azzopardi. Huwa wara li sema' l-provi kollha ħalef ir-relazzjoni tiegħu fit-3 ta' Ġunju, 1996;

Fir-relazzjoni tiegħu l-perit legali jikkunsidra li din hija kawża klassika ta' familjari tad-*decujus* kontra l-eredi universali tiegħu;

Skond hu joħroġ ċar, illi, jekk it-talbiet jirriżultaw ġustifikati l-konvenuti għandhom jħallsu kumpens lill-atturi għal serviġi;

Huwa eżamina l-provi ta' l-atturi, li sostnew li kienu damu jgħinu lil Bugeja għal xi għoxrin sena. Dan ġie kkonfermat minn xhud indipendenti Salvu Grixti;

Ikkunsidra ukoll ix-xhieda tal-konvenuti li ngħataw permezz ta' l-affidavit;

Huma jsostnu li lill-atturi qatt ma rawhom għand id-*decujus*, minkejja li huma kienu midħla tiegħu fl-aħħar għaxar snin ta' ħajtu;

Il-perit legali jikkonkludi li ż-żewġ versjonijiet jistgħu jkunu verosimili. Infatti rriżultalu li huwa minnu li l-atturi kienu jgħinu lid-*decujus*, iżda qatgħu minn miegħu, ċirka erba' snin qabel ma miet. Huwa daqstant ovvju għalhekk, li hu beda isib lill-ħaddieħor biex idur bih u jgħinu;

Irriżultalu ukoll, pero`, illi ma kinux ġew ikkompensati tul ħajjet il-mejjet u għalhekk kellhom jiġu kkompensati;

Huwa jagħmel referenza ukoll għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Gio Maria Zammit *versus* Dr. J. Vella *nomine*** fejn il-qorti kienet sostniet li t-tendenza kienet li għandu jiġi applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi li jiġu prestati, jiġu prestati, bi speranza ta' kumpens, jekk ma

jirriżultawx ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw il-gratuwita` u dan partikolarment minħabba relazzjonijiet ta' parentela. F'dan il-każ, għalkemm il-parentela kienet viċina ma jidhirx li kien hemm dik l-affezzjoni, u mill-provi, skond l-istess perit, jidher ċar illi l-atturi kien qed iduru bil-mejjet u kienu qed jippretendu xi forma ta' kumpens. Huwa għalhekk ikkonkluda li peress li ma kienux b'xi mod ġew ikkompensati tul ħajtu, mill-punto di vista legali huma kellhom jiġu kkompensati;

Il-perit legali sab problema dwar il-*quantum* tal-kumpens għax skond hu x-xhieda ma tantx hija dettaljata dwar is-serviġi li kienu jiġu reżi u dan fir-rigward tal-portata tagħhom u sew tad-durata;

Ikkonkluda pero`, mix-xhieda, li huwa probabbli li dawn ingħataw għal xi għaxar jew tnax-il sena u għalhekk wara li eżamina ukoll il-valur tal-flus/assi tad-*decujus*, li kienu jammontaw għal ċirka sbatax-il elf lira u t-taxxa li tħallset fuqhom, ta' xi ħaġa żgħira il-fuq minn erba' mija u tmien liri Maltin, kif irriżultawlu mid-denunzja, illikwida l-ammont dovut f'total ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500) li minnhom tmien mitt lira kienu dovuti lill-attur, u seba' mitt lira lill-attriċi rispettivament, u ta l-parir tiegħu li l-konvenuti kellhom jiġu kkundannati iħallsu din is-somma solidalment bejniethom;

Jidher illi minkejja li r-rapport ġie maħluf kif fuq intqal fit-3 ta' Ġunju, 1996 ir-rapport effettivament ġie ppreżentat mill-Perit Legali fis-6 ta' Diċembru, 1995 u għalhekk l-istess perit legali ma kellux il-possibbilita` li jeżamina n-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri li taw l-istess konvenuti u dan fil-21 ta' Frar, 1996;

Skond din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet isostnu li mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni fil-meritu, kwalunkwe azzjoni

għal ħlas ta' *serviġi hija preskritta skond* l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16;

*Il*-Qorti għalhekk *trid teżamina tliet kwistjonijiet u ċjoe`* din l-eċċezzjoni ulterjuri, il-meritu jekk humiex jew le dovuti serviġi, u finalment il-likwidazzjoni ta' dawn is-serviġi;

Dwar ir-rapport peritali u n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut ppreżenta nota ta' l-osservazzjonijiet estensiva;

Dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jsostni li l-perijodu ta' *preskrizzjoni skond il-liġi, għandu jkun ta' ħames snin, u skond* hu, mix-xhieda ta' l-istess attur jidher li għaddew aktar minn ħames snin minn mindu l-allegati serviġi waqfu, sakemm saret il-kawża;

Il-Qorti tħoss illi, minkejja dak li jsostni l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet *tiegħu, huwa kellu jipprova li fil-*fatt għadda l-perijodu preskrittiv, minn mindu ġew reżi is-serviġi sad-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, dan *huwa ma għamlux. Għall-kuntrarju jirriżulta mill-provi, illi l-*atturi damu jduru bil-mejjet sa erba' snin qabel mewtu. Hu miet f'Awissu 1991 u ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fil-21 ta' April, 1992; u għalhekk *jiġi illi l-ħames snin kien jgħaddu biss, kieku* ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata wara Awissu 1992;

Dan *dejjem tenut ukoll* tal-*fatt, illi minħabba li l-istitut tal-*preskrizzjoni jmur kontra dak li huwa normalment aċċettabbli mil-lat morali, għandu jingħata interpretazzjoni restrittiva u dan *japplika ukoll fil-konfront tal-provi li jridu jinġiebu, biex jiġi* ppruvat li l-perijodu preskrittiv fil-fatt ikun iddekada;

Finalment dwar dan il-punt mhuwiex daqstant relevanti

jekk f'xi testment preċedenti għall-aħħar wieħed, it-testatur Bugeja kienx għamel referenza *għal xi kumpens li kien dovut* lejn l-atturi;

Semmai dan seta' kellu relevanza, għax testment ta' din innatura, seta' interrompa l-perijodu preskrittiv, pero` kif fuq ingħad dan mhuwiex il-każ preżenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, din l-eċċezzjoni ulterjuri qiegħda tiġi miċħuda;

Fir-rigward tal-meritu, irriżulta illi l-atturi pprestaw ċertu assistenza lill-mejjet, pero` dina l-assistenza ma kinitx xi waħda fondamentali. Mill-banda l-oħra ma jirriżultax li għal tali assistenza huma ġew ikkompensati tul ħajjet il-mejjet, kif isostnu l-istess konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom;

Nonostante dan, pero l-Qorti tħoss illi l-ammont li ġie likwidat mill-perit legali għas-serviġi li fil-fatt ġew reżi, huwa ferm eċċessiv u *arbitrio boni viri* dan qed jiġi mnaqqas binnofs;

Din il-kawża għalhekk qegħda tiġi deċiża billi, filwaqt li l-Qorti tiċħad in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti, (1) tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara l-konvenuti bħala eredi universali tal-mejjet Carmelo Bugeja, responsabbli għal ħlas ta' serviġi li l-atturi pprestaw lill-istess mejjet Carmelo Bugeja; (2) tillikwida dan il-kumpens fl-ammont ta' Lm400 (erba' mitt lira) favur l-attur Alfred Caruana u Lm350 (tliet mija u ħamsin lira) favur l-attriċi Felicia Caruana; u (3) tikkundanna lill-istess konvenuti b'mod solidali bejniethom iħallsu s-somma hekk likwidata;

L-istess konvenuti għandhom ukoll iħallsu l-ispejjeż ta' din il-kawża għax, fil-fehma tal-Qorti, huma setgħu faċilment iwasslu dina l-vertenza għal soluzzjoni bonarja.